**Parlament Ewropew**
2019-2024

**TESTI ADOTTATI**

## P9_TA(2021)0286

## L-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali (2021/2568(RSP))

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-16 ta' Diċembru 2020 bit-titolu "L-istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali" (JOIN(2020)0018),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2020 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (COM(2020)0823),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Settembru 2020 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014 (COM(2020)0595),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2018 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (COM(2018)0630),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 bit-titolu "Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa" (COM(2020)0067),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà)[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-

[1] ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15.

tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE[4],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240[5],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħra ta' trasport[6],

– wara li kkunsidra l-konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-ċiberkriminalità tat-23 ta' Novembru 2001 (ETS Nru 185),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar strateġija ġdida għall-SMEs Ewropej[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar strateġija Ewropea għad-data[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa: it-tneħħija tal-ostakli għall-funzjonament tas-suq uniku diġitali u t-titjib tal-użu tal-IA għall-konsumaturi Ewropej[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar tnaqqis tad-disparità bejn il-ġeneri fil-qasam diġitali: il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija diġitali[10],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2019 dwar it-theddid għas-

---

[1] ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62.
[2] ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36.
[3] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81.
[4] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104.
[5] ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1.
[6] ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1.
[7] Testi adottati, P9_TA(2020)0359.
[8] Testi adottati, P9_TA(2021)0098.
[9] Testi adottati, P9_TA(2021)0261.
[10] Testi adottati, P9_TA(2021)0026.

sigurtà marbut mal-preżenza teknoloġika Ċiniża li qed tiżdied fl-UE u azzjoni possibbli fil-livell tal-UE biex jitnaqqas[1] ,

– wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali (O-000037/2021 – B9-0024/2021),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 136(5) u 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi t-trasformazzjoni diġitali hija prijorità strateġika fundamentali tal-Unjoni li inevitabbilment hija assoċjata ma' aktar espożizzjoni għat-theddid ċibernetiku;

B. billi l-apparati konnessi, inklużi l-magni, is-sensuri, il-komponenti industrijali u n-networks li jiffurmaw l-Internet tal-Oġġetti (IoT), ikomplu jiżdiedu fin-numru, bi 22,3 biljun apparat mistennija jkunu marbuta mal-IoT fid-dinja kollha sal-2024, u b'hekk tiżdied l-espożizzjoni għall-attakki ċibernetiċi;

C. billi l-progress teknoloġiku – bħall-computing kwantistiku – u l-asimmetriji fl-aċċess għalih jistgħu jirrappreżentaw sfida għall-panorama taċ-ċibersigurtà;

D. billi l-kriżi tal-COVID-19 kixfet aktar il-vulnerabbiltajiet ċibernetiċi f'xi setturi kritiċi, b'mod partikolari fil-kura tas-saħħa, u l-miżuri assoċjati tat-telexogħol u t-tbegħid soċjali żiedu d-dipendenza tagħna mit-teknoloġiji diġitali u mill-konnettività, filwaqt li fl-Ewropa kollha qed jiżdiedu n-numru u l-livell ta' sofistikazzjoni tal-attakki ċibernetiċi u tal-kriminalità ċibernetika, inklużi l-ispjunaġġ u s-sabotaġġ, kif ukoll l-aċċess għal sistemi, strutturi u networks tal-ICT kif ukoll il-manipulazzjoni tagħhom permezz ta' installazzjonijiet malizzjużi u illegali;

E. billi n-numru ta' attakki ċibernetiċi qed jiżdied b'mod konsiderevoli, kif jidher mis-sensiela reċenti ta' attakki ċibernetiċi malizzjużi u organizzati fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa, bħala ma ġara fl-Irlanda, fil-Finlandja u fi Franza; billi dawn l-attakki ċibernetiċi jikkawżaw danni sinifikanti lis-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-assistenza lill-pazjenti, kif ukoll lill-istituzzjonijiet pubbliċi u privati sensittivi l-oħra;

F. billi t-theddid ibridu qed jiżdied, inkluż l-użu ta' kampanji ta' diżinformazzjoni u attakki ċibernetiċi fuq l-infrastruttura, il-proċessi ekonomiċi u l-istituzzjonijiet demokratiċi, u qed isiru kwistjoni serja kemm fid-dinja ċibernetika kif ukoll f'dik fiżika, u qed jirriskjaw li jaffettwaw proċessi demokratiċi bħall-elezzjonijiet, il-proċeduri leġiżlattivi, l-infurzar tal-liġi u l-ġustizzja;

G. billi hemm dipendenza dejjem akbar mill-funzjoni ewlenija tal-internet u mis-servizzi essenzjali tal-internet għall-komunikazzjoni u l-hosting, l-applikazzjonijiet u d-data, li għalihom is-sehem tas-suq qed jiġi kkonċentrat progressivament f'dejjem inqas kumpaniji;

H. billi l-kapaċitajiet ta' attakk distribwit li jwaqqaf is-servizz qed jiżdiedu u, għalhekk, ir-reżiljenza tan-nukleu tal-internet għandha tiżdied b'mod parallel;

I. billi l-preparazzjoni u l-għarfien tal-impriżi, b'mod partikolari tal-SMEs u tal-individwi, f'dik li hija ċ-ċibersigurtà għadhom baxxi u hemm nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa (id-diskrepanza fil-forza tax-xogħol żdiedet b'20 % mill-2015), u l-mezzi tradizzjonali ta'

[1] ĠU C 23, 21.1.2021, p. 2.

reklutaġġ ma jissodisfawx id-domanda, inkluż għal pożizzjonijiet maniġerjali u interdixxiplinari; billi "kważi 90 % tal-forza tax-xogħol globali fil-qasam taċ-ċibersigurtà huma rġiel" u "in-nuqqas persistenti ta' diversità tal-ġeneru jkompli jillimita l-ġabra ta' talenti"[1];

J. billi l-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-qasam taċ-ċibersigurtà huma eteroġenji u r-rapportar tal-inċidenti u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejniethom la huma sistematiċi u lanqas komprensivi, filwaqt li l-użu ta' Ċentri tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Informazzjoni (ISACs) għall-iskambju ta' informazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati mhuwiex qed jisfrutta l-potenzjal tiegħu;

K. billi m'hemmx qbil fil-livell tal-UE dwar il-kollaborazzjoni fl-intelligence ċibernetika u fir-risposta kollettiva għall-attakki ċibernetiċi u ibridi; billi għall-Istati Membri meqjusin singolarment huwa diffiċli ħafna, mil-lat tekniku u ġeopolitiku, jieħdu kontromiżuri kontra t-theddid ċibernetiku u l-attakki ċibernetiċi, speċjalment dawk ta' natura ibrida;

L. billi l-kondiviżjoni transfruntiera tad-data u l-kondiviżjoni globali tad-data huma importanti għall-ħolqien tal-valur, dment li jiġu żgurati l-privatezza u d-drittijiet intellettwali u tal-proprjetà; billi l-infurzar tal-liġijiet ta' pajjiżi terzi fil-qasam tad-data jista' joħloq riskju f'termini ta' ċibersigurtà għad-data Ewropea, minħabba li l-kumpaniji li joperaw f'reġjuni differenti huma suġġetti għal obbligi li jikkoinċidu, indipendentement mill-post tad-data jew mill-oriġini tagħhom;

M. billi ċ-ċibersigurtà tirrappreżenta suq globali ta' EUR 600 biljun, u dan l-ammont mistenni jiżdied malajr, u billi l-Unjoni hija importatur nett ta' prodotti u soluzzjonijiet;

N. billi hemm riskju ta' frammentazzjoni tas-suq uniku minħabba regolamenti nazzjonali dwar iċ-ċibersigurtà u n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni orizzontali dwar rekwiżiti essenzjali taċ-ċibersigurtà għall-hardware u s-software, inklużi l-applikazzjonijiet u l-prodotti konnessi;

1. Jilqa' pożittivament l-inizjattivi deskritti mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni konġunta intitolata "L-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali";

2. Jitlob il-promozzjoni tal-iżvilupp, fit-territorju tal-Unjoni, ta' sistemi ta' networks u ta' informazzjoni, ta' infrastrutturi u ta' konnettività li jkunu siguri u affidabbli;

3. Jitlob li jiġi stabbilit l-għan li fl-Unjoni l-prodotti kollha konnessi mal-internet, inkluż dawk iddestinati għall-konsumaturi u għal użu industrijali, flimkien mal-ktajjen tal-provvista kollha li jagħmluhom disponibbli, ikunu siguri sa mit-tfassil, reżiljenti għall-inċidenti ċibernetiċi u jiġu kkoreġuti malajr b'software korrettiv meta jiġu skoperti vulnerabbiltajiet; jilqa' pożittivament il-pjanijiet tal-Kummissjoni li tipproponi leġiżlazzjoni orizzontali dwar ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għal prodotti konnessi u servizzi assoċjati, u jitlob li tali leġiżlazzjoni tipproponi l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku; jitlob li titqies il-leġiżlazzjoni fis-seħħ (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, il-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid, ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni) biex jiġu evitati l-ambigwità u l-

---

[1] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri *Sfidi għal politika effettiva tal-UE fil-qasam taċ-ċibersigurtà*, dokument informattiv u analitiku, Marzu 2019.

frammentazzjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa ta' proposta għal regolament orizzontali li jintroduċi sal-2023 rekwiżiti ta' ċibersigurtà għall-applikazzjonijiet, is-software, is-software inkorporat u s-sistemi operattivi, li jibni fuq l-*acquis* tal-UE għar-rekwiżiti tal-ġestjoni tar-riskji; jisħaq li l-applikazzjonijiet, is-software, is-software inkorporat u s-sistemi operattivi obsoleti (jiġifieri li ma għadhomx jirċievu korrezzjonijiet regolari u aġġornamenti tas-sigurtà) jirrappreżentaw sehem mhux traskurabbli tal-apparati konnessi kollha u jikkostitwixxu riskju f'termini ta' ċibersigurtà; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi dan l-aspett fil-proposta tagħha; jissuġġerixxi li l-proposta għandha tinkludi obbligi għall-produtturi biex jikkomunikaw minn qabel il-perjodu minimu li matulu se jappoġġjaw il-korrezzjonijiet tas-sigurtà u l-aġġornamenti biex ix-xerrejja jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati; iqis li l-produtturi jridu jkunu parti mill-programm ta' Divulgazzjoni Koordinata tal-Vulnerabbiltajiet (CVD) kif stabbilit fil-proposta għad-Direttiva NIS2;

5. Jissottolinja li ċ-ċibersigurtà għandha tkun inkorporata fid-diġitalizzazzjoni; jitlob, għalhekk, li l-proġetti ta' diġitalizzazzjoni ffinanzjati mill-Unjoni jinkludu r-rekwiżiti fil-qasam taċ-ċibersigurtà; jilqa' pożittivament l-appoġġ għar-riċerka u għall-innovazzjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà, speċjalment fir-rigward ta' teknoloġiji fixkiela (bħall-computing kwantistiku u l-kriptografija kwantistika), li l-ħolqien tagħhom jista' jiddestabbilizza l-ekwilibriju internazzjonali; jitlob, barra minn hekk, aktar riċerka dwar l-algoritmi postkwantistiċi bħala standard taċ-ċibersigurtà;

6. Iqis li d-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà tagħna tfisser li s-setturi kollha huma interkonnessi u d-dgħufijiet f'settur wieħed jistgħu jfixklu lil oħrajn; jinsisti, għalhekk, li l-politiki fil-qasam taċ-ċibersigurtà jiġu inkorporati fl-istrateġija diġitali tal-UE u fil-finanzjamenti tal-UE, u li dawn ikunu koerenti u interoperabbli fis-setturi kollha;

7. Jitlob użu koerenti tal-fondi tal-UE fir-rigward taċ-ċibersigurtà u tar-realizzazzjoni tal-infrastrutturi relatati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li jiġu sfruttati s-sinerġiji relatati maċ-ċibersigurtà bejn il-programmi differenti, b'mod partikolari l-programm Orizzont Ewropa, il-programm Ewropa Diġitali, il-Programm Spazjali tal-UE, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-UE, InvestEU u l-FNE, u li jsir użu sħiħ taċ-Ċentru u tan-Network ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà;

8. Ifakkar li l-infrastruttura tal-komunikazzjoni hija l-pedament tal-attività diġitali kollha u li l-iżgurar tas-sigurtà tagħha huwa prijorità strateġika għall-Unjoni; jappoġġja l-iżvilupp attwali tal-iskema ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-UE għan-networks 5G; jilqa' favorevolment il-pakkett ta' strumenti tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà tal-5G u jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-industrija jkomplu bl-isforzi tagħhom biex joħolqu networks ta' komunikazzjoni siguri, inklużi miżuri rigward il-katina tal-provvista kollha; jistieden lill-Kummissjoni tevita l-intrappolament tal-klijentela (vendor lock-in) u ttejjeb is-sigurtà tan-networks billi tippromwovi inizjattivi li jtejbu l-virtwalizzazzjoni u l-cloudifikazzjoni tal-komponenti differenti tan-networks; jitlob l-iżvilupp rapidu tal-ġenerazzjonijiet li jmiss ta' teknoloġiji tal-komunikazzjoni billi tiġi prevista bħala prinċipju fundamentali ċ-ċibersigurtà sa mit-tfassil u tiġi żgurata l-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali;

9. Itenni l-importanza li jiġi stabbilit qafas ta' sigurtà ġdid u sod għall-infrastrutturi kritiċi tal-UE sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u li jiġu

żviluppati l-kapaċitajiet eżistenti biex tingħata tweġiba xierqa lir-riskji, lit-theddid u lill-evoluzzjoni teknoloġika;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji dispożizzjonijiet biex tiżgura l-aċċessibbiltà, id-disponibbiltà u l-integrità tan-nukleu pubbliku tal-internet u, għalhekk, l-istabbiltà taċ-ċiberspazju, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess tal-UE għas-sistema ta' roots globali tad-DNS; iqis li tali dispożizzjonijiet għandhom jinkludu miżuri għad-diversifikazzjoni tal-fornituri biex jittaffa r-riskju attwali ta' dipendenza mill-ftit kumpaniji li jiddominaw is-suq; jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta għal Sistema Ewropea ta' Ismijiet ta' Dominji (DNS4EU) bħala għodda għal nukleu tal-internet aktar reżiljenti; jitlob lill-Kummissjoni tevalwa kif din id-DNS4EU tista' tuża l-aħħar teknoloġiji, protokolli tas-sigurtà u għarfien espert dwar it-theddid ċibernetiku sabiex toffri sistema DNS veloċi, sikura u reżiljenti għall-Ewropej kollha; ifakkar fil-ħtieġa ta' protezzjoni aħjar tal-Border Gateway Protocol (BGP) sabiex jiġi evitat id-dirottament tal-BGP; ifakkar fl-appoġġ tiegħu favur mudell multilaterali tal-governanza tal-internet, li fl-ambitu tiegħu ċ-ċibersigurtà għandha tirrappreżenta wieħed mis-suġġetti ewlenin; jissottolinja li l-UE għandha tħaffef l-implimentazzjoni tal-IPv6; jirrikonoxxi l-mudell ta' sors miftuħ li, bħala l-bażi għall-funzjonament tal-internet, wera li huwa effiċjenti u effikaċi; jinkoraġġixxi, għalhekk, l-użu tiegħu;

11. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiżdied il-forensika fil-qasam taċ-ċibersigurtà għall-ġlieda kontra l-kriminalità, iċ-ċiberkriminalità u l-attakki ċibernetiċi, inklużi attakki sponsorizzati mill-Istat, iżda jwissi kontra miżuri sproporzjonati li jipperikolaw il-privatezza u l-libertà tal-kelma taċ-ċittadini tal-UE waqt li jużaw l-internet; ifakkar fil-ħtieġa li tiġi konkluża r-reviżjoni tat-tieni protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità, li għandha l-potenzjal li żżid it-tħejjija kontra ċ-ċiberkriminalità;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jakkomunaw ir-riżorsi tagħhom biex itejbu r-reżiljenza strateġika tal-UE, inaqqsu d-dipendenza tagħha mit-teknoloġiji barranin u biex jixprunaw ir-rwol ta' tmexxija u l-kompetittività tagħha fil-qasam taċ-ċibersigurtà tul il-katina tal-provvista diġitali (inklużi l-ħżin ta' data u l-ipproċessar ta' data fil-clouds, it-teknoloġiji tal-proċessuri, iċ-ċirkwiti integrati (ċipep), il-konnettività ultrasigura, il-computing kwantistiku u l-ġenerazzjoni li jmiss ta' networks);

13. Iqis li l-pjan għal infrastruttura tal-konnettività ultrasigura huwa strument importanti għas-sigurtà tal-komunikazzjoni diġitali sensittiva; jilqa' b'sodisfazzjon it-tħabbira tal-iżvilupp ta' sistema ta' komunikazzjoni tal-UE globali u sigura bbażata fuq l-ispazju, li tintegra t-teknoloġiji tal-kriptaġġ kwantistiku; ifakkar fil-fatt li għandhom isiru sforzi kontinwi, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) u mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), biex jiġu żgurati attivitajiet spazjali Ewropej;

14. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-prattiki ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku u l-inċidenti ċibernetiċi ma ġewx imħaddna b'mod adegwat mis-settur privat u dak pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-fiduċja u jnaqqsu l-ostakli għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku u l-attakki ċibernetiċi fil-livelli kollha; jilqa' l-isforzi li saru minn xi setturi u jitlob kollaborazzjoni transettorjali peress li l-vulnerabbiltajiet rarament ikunu speċifiċi għal settur partikolari; jenfasizza li l-Istati Membri jeħtieġ li jingħaqdu flimkien fil-livell Ewropew, sabiex jaqsmu b'mod effiċjenti l-aħħar għarfien tagħhom dwar ir-riskji

taċ-ċibersigurtà; iħeġġeġ il-formazzjoni ta' Grupp ta' Ħidma tal-Istati Membri dwar l-Intelligence Ċibernetika, sabiex titrawwem il-kondiviżjoni tal-informazzjoni fl-UE u fiż-Żona Ekonomika Ewropea, b'mod partikolari, biex jiġu evitati attakki ċibernetiċi fuq skala kbira;

15. Jilqa' favorevolment il-ħolqien ippjanat ta' Ċiberunità Konġunta biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-korpi tal-UE u l-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-prevenzjoni tal-attakki ċibernetiċi, id-dissważjoni minnhom u r-risposta għalihom; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jkomplu jqawwu l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża ċibernetika u jiżviluppaw riċerka fil-kapaċitajiet tad-difiża ċibernetika tal-aktar teknoloġija moderna;

16. Ifakkar fl-importanza tal-fattur uman fl-istrateġija għaċ-ċibersigurtà; jitlob li jsiru sforzi kontinwi biex tinfirex is-sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà, inklużi l-iġjene ċibernetika u l-litteriżmu ċibernetiku;

17. Jenfasizza l-importanza ta' qafas ta' sigurtà robust u konsistenti biex jipproteġi l-persunal, id-data, in-networks ta' komunikazzjoni u s-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-UE, u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet kontra t-theddid ċibernetiku abbażi ta' regoli komprensivi, konsistenti u omoġenji u governanza adegwata; jitlob li jkun hemm biżżejjed riżorsi u kapaċitajiet disponibbli, inkluż fil-kuntest tat-tisħiħ tal-mandat tal-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters (CERT-UE) u fir-rigward tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar id-definizzjoni ta' regoli komuni fil-qasam taċ-ċibersigurtà vinkolanti għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji kollha tal-UE;

18. Jitlob l-użu usa' ta' ċertifikazzjoni volontarja u ta' standards fil-qasam taċ-ċibersigurtà, peress li dawn jirrappreżentaw strumenti importanti biex jittejjeb il-livell ġenerali taċ-ċibersigurtà; jilqa' pożittivament l-istabbiliment tal-Qafas Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni u l-ħidma tal-Grupp Ewropew għaċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà; jistieden lill-ENISA u lill-Kummissjoni jikkunsidraw, meta jippreparaw l-Iskema tal-UE taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà għas-Servizzi ta' Cloud, billi jagħmlu l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni obbligatorja fir-rigward tal-livell ta' garanzija "għoli";

19. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi sodisfatta d-domanda ta' ħaddiema fis-settur taċ-ċibersigurtà billi tkun eliminata d-diskrepanza fil-ħiliet permezz tat-tkomplija tal-isforzi f'dawk li huma edukazzjoni u taħriġ; jitlob li tingħata attenzjoni partikolari biex tiġi eliminata d-disparità bejn il-ġeneri, li hija preżenti wkoll f'dan is-settur;

20. Jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' appoġġ aħjar għall-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju biex iżidu l-fehim tagħhom tar-riskji kollha għas-sigurtà tal-informazzjoni u l-opportunitajiet biex itejbu ċ-ċibersigurtà tagħhom; jistieden lill-ENISA u lill-awtoritajiet nazzjonali jiżviluppaw portali ta' awtottestjar u gwidi tal-aħjar prattika għall-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju; ifakkar fl-importanza tat-taħriġ u tal-aċċess għal finanzjamenti ddedikati għas-sigurtà ta' dawn l-entitajiet;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kumissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.